DOWNSTREAM USERS

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Dwar ir-rwol tal-UTENTI DOWNSTREAM

Pariri ta' REACH/CLP għall-utenti ta' sustanzi kimiċi

ECHA-19-B-10-MT

**Jista' jkun li smajt bit-terminu "utent downstream" jintuża b'rabta mar-Regolament REACH u CLP. Dan id-dokument jispjega min huwa utent downstream, u jiddeskrivi l-obbligi legali ewlenin skont REACH.**

## Min huwa utent downstream?

"Utent downstream" huwa t-terminu użat fir-Regolamenti REACH u CLP biex jiddeskrivi l-utenti ta' sustanzi kimiċi. Inti utent downstream jekk inti jew il-kumpanija tiegħek tużaw sustanzi kimiċi f'ambjent industrijali, jew jekk inti tuża sustanzi kimiċi f'attività professjonali bħal tindif, tiżbigħ eċċ. Id-distributuri normalment mhumiex utenti downstream, sakemm ma jwettqux attivitajiet li jinvolvu l-immaniġġjar tas-sustanzi kimiċi, bħal formulazzjoni jew trasferiment ta' sustanzi kimiċi bejn il-kontenituri (mili mill-ġdid). Il-pubbliku ġenerali, li juża sustanzi kimiċi f'kapaċità personali, mhuwiex utent downstream u huwa magħruf bħala konsumatur.

## Dan xi jfisser għal kumpanija li tuża s-sustanzi kimiċi?

Kumpanija li tuża sustanzi kimiċi għandha tkun taf id-drittijiet u l-obbligi li għandha bħala utent downstream. Dawk ewlenin huma deskritti hawn taħt. L-utenti downstream li jifformulaw taħlitiet biex jipprovdu jew jipproduċu oġġetti li jinkorporaw sustanzi għandhom obbligi addizzjonali kemm skont REACH kif ukoll CLP li mhumiex deskritti hawnhekk.



- Iċċekkja li l-użu tiegħek huwa kopert f'kull xenarju ta' esponiment li inti tirċievi
- Implimenta miżuri speċifikati mill-fornitur tiegħek biex tiżgura l-użu sigur tas-sustanza jew ħu azzjoni alternattiva xierqa.

*Din l-informazzjoni tista' tgħinek fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi skont leġiżlazzjoni oħra dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ambjent.*



- Informa lill-fornitur tiegħek jekk għandek xi informazzjoni ġdida dwar il-perikli tas-sustanza jew jekk il-parir dwar il-ġestjoni tar-riskji mhuwiex xieraq.

*Pereżempju, inti jaf tkun taf dwar l-effetti negattivi fuq is-saħħa li qegħdin jesperjenzaw il-ħaddiema tiegħek, jew għandek evidenza li l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji proposti huma prekawzjonarji żżejjed.*



- Ħu azzjoni xierqa jekk tuża sustanza inkluża fil-Lista ta' Awtorizzazzjoni ta' REACH jew jekk hija ristretta skont REACH.

*Il-miżura ppreferuta hija li tiġi sostitwita s-sustanza jew il-proċess b'alternattiva aktar sigura. Evita s-sorpriżi billi żżomm għajnejk fuq liema sustanzi huma involuti fil-proċess regolatorju.*



- Ipprovdi informazzjoni lill-fornituri tiegħek dwar kif jużaw sustanza

*Dan jgħin biex tiżgura li inti tirċievi informazzjoni rilevanti dwar l-użu sigur, għaliex il-manifatturi u l-impurtaturi jistgħu jibbażaw il-valutazzjonijiet tagħhom tas-sigurtà kimika fuq din l-informazzjoni meta dawn jirreġistraw sustanza. Din l-azzjoni hija volontarja u ta' spiss issir permezz ta' organizzazzjonijiet tas-settur u Mapep ta' Użu. Ikkonferma mal-organizzazzjoni tas-settur tiegħek li l-użu tiegħek huwa inkluż.*

## Fejn nista' nikseb aktar informazzjoni ...dwar ir-rwol tal-UTENTI DOWNSTREAM?




- Il-paġni web li fihom informazzjoni mmirata speċifikament għal utenti downstream ġew itteggjati kif xieraq. Ikklikkja fuq it-tag biex issib il-lista tal-kontenut rilevanti.
- Għal preżentazzjonijiet u vidjos dwar l-utenti downstream, ara: https://echa.europa.eu/mt/regulations/reach/downstream-users/presentations-for-downstream-users
- Għal gwida għall-utenti downstream, ara: https://echa.europa.eu/documents/10162/23036412/du_mt.pdf/
- Għal informazzjoni dwar sustanzi involuti fil-proċessi regolatorji, ara: https://echa.europa.eu/mt/substances-of-potential-concern
- Għal informazzjoni fuq kif l-utenti downstream jistgħu jipprovdu informazzjoni lir-reġistranti, ara: https://echa.europa.eu/mt/csr-es-roadmap/use-maps/concept